StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rotta 3

**IL-ĦAMES KLASSI IR-RELIĠJON IL-ĦIN: Siegħa u kwart**

**L-isem u l-kunjom: ________________________ Il-klassi: __________**

## Taqsima 1

**(20 marka)**

**Imla l-vojt bil-kelma t-tajba mil-lista t'hawn taħt.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **tal-qaddejja** | **ħniena** | **~~is-Setgħani~~** | **is-Salvatur** |
| **Abraham** | **tal-Mulej** | **Iżrael** | **qaddis** |

Hekk kif saret taf bid-dinjità għolja li biha Alla ried iżejjinha meta għażilha biex tkun omm Ibnu, Marija nfexxet f'dan l-innu ta' tifħir lil Alla:



46 "Ruħi tfaħħar il-kobor ________________________,
47 u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla _________________ tiegħi,
48 għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon __________________ tiegħu.
Iva, minn issa 'l quddiem kull nisel isejjaħli hienja,
49 għax **is-Setgħani** għamel miegħi ħwejjeġ kbar;
____________________ hu l-isem tiegħu.
50 Il-____________________ tiegħu tinfirex f'kull żmien fuq dawk li jibżgħu minnu.
51 Hu wera l-qawwa ta' driegħu, xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
52 Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom, u għolla ċ-ċkejknin.
53 Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.
54 Ħa ħsieb _______________ qaddej tiegħu, għax ftakar fil-ħniena tiegħu,
55 bħalma wiegħed lil missirijietna, b'riżq ______________ u nislu għal dejjem." *(Lq 1, 46-55)*

*(7 marki)*

**Wara li taqra s-silta t'hawn fuq, wieġeb fil-qosor il-mistoqsijiet li ġejjin.**

1. Minn liema ktieb bibbliku hija meħuda s-silta t'hawn fuq?

_____________________________________________________________________ *(marka)*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. X'riedet tfisser Marija bil-kliem li hemm fil-vers 49?

________________________________________________

________________________________________________ *(2 marki)*

3. X'kienet it-tweġiba ta' Marija għas-sejħa li għamlilha l-Mulej fit-tħabbira tal-Anġlu?

________________________________________________

________________________________________________ *(2 marki)*

4. Fil-15 t'Awwissu u fit-8 ta' Diċembru, il-Knisja tiċċelebra żewġ veritajiet li aħna l-Insara nemmnu dwar Marija Santissima.

   (i) Liema Dommi tal-Fidi nfakkru

   (a) fil-15 t'Awwissu - ________________________________ *(marka)*

   (b) fit-8 ta' Diċembru - ________________________________ *(marka)*

   (ii) Ikteb paragrafu qasir biex tispjega kull waħda minn dawn id-Dommi tal-Fidi.

   (a) ____________________________________________

   ____________________________________________

   ____________________________________________

   ____________________________________________ *(2 marki)*

   (b) ____________________________________________

   ____________________________________________

   ____________________________________________

   ____________________________________________ *(2 marki)*

5. Ikteb **żewġ** eżempji kif kull Nisrani għandu jimita lil Marija fil-ħajja ta' kuljum.

   (a) ____________________________________________

   (b) ____________________________________________ *(2 marki)*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## Taqsima 2

**(16-il ma**

**Aqra s-silta u wieġeb fil-qosor.**

**"Ma tafux li aħna li tgħammidna fi Kristu, tgħammidna fil-mewt tiegħu? Indfinna miegħu fil-mewt permezz tal-Magħmudija sabiex, kif Kristu kien imqajjem mill-mewt permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna ngħixu ħajja ġdida"** (*Rum 6, 3-4*).

1. Fl-istampa t'hawn taħt, hemm żewġ oġġetti li jintużaw waqt ir-ritwal tal-Magħmudija. Fl-ispazju pprovdut, ikteb x'jissejħu. *(2 marki)*

i. _______________



ii. _________________

2. Għaliex Ġesù għażel l-ilma biex jintuża fis-Sagrament tal-Magħmudija?

   (a) ________________________________________

   (b) ________________________________________ *(2 marki)*

3. X'kienet it-tifsira tal-Magħmudija meta fl-imgħoddi min jitgħammed kbir kien jinżel fl-ilma minn naħa waħda tal-Battisteru u joħroġ min-naħa l-oħra?

   ________________________________________

   ________________________________________ *(2 marki)*

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4. Fl-ittra tiegħu lir-Rumani, San Pawl jikteb li permezz tal-Magħmudija aħna sirna werrieta ta' Alla, werrieta ma' Kristu. X'inhu dan il-wirt?

________________________________________________________

________________________________________________________ *(2 marki)*

5. X'inkunu qegħdin nagħmlu fil-Griżma tal-Isqof?

________________________________________________________

________________________________________________________ *(2 marki)*

6. Fisser dawn iż-żewġ simboli li l-Knisja tuża waqt is-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof:

(i) Iż-żejt - __________________________________________

________________________________________________________ *(marka)*

(ii) It-tqegħid tal-idejn - ________________________________________

________________________________________________________ *(marka)*

7. Dakinhar ta' Pentekoste, l-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-Appostli u tahom il-qawwa biex ma jibżgħux u joħorġu jxandru lil Kristu. F'madwar 30 kelma ikteb kif inti, bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu li rċevejt fil-Griżma tal-Isqof, tista' taħdem għall-ġid fil-komunità.

________________________________________________________

________________________________________________________

________________________________________________________

________________________________________________________

________________________________________________________

________________________________________________________ *(4 marki)*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## Taqsima 3 **(14-il ma**

StudentBounty.com

**Aqra s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.**

**"Din l-imħabba hi umana, jiġifieri fil-ġisem u r-ruħ flimkien. Mhix sempliċiment ġibda tal-istint jew sentiment, iżda hi wkoll u qabel kollox att ta' rieda ħielsa, li fil-ferħ u t-tbatijiet tal-ħajja ta' kuljum jagħmel li l-miżżewġin isiru qalb waħda u ruħ waħda u flimkien jilħqu l-perfezzjoni ta' bnedmin li huma."**
(*Il-Papa Pawlu VI, Humanae Vitae, par.9*)



1. Fuq liema sagrament qed jitkellem il-Papa Pawlu VI fl-enċiklika *Humanae Vitae*?

________________________________ *(marka)*

2. Semmi **żewġ** perikli li fi żmienna qegħdin ikunu ta' theddida għar-rabta dejjiema bejn il-koppja miżżewġa.

   (a) ________________________________

   (b) ________________________________ *(2 marki)*

3. Min huma l-ministri fis-Sagrament taż-Żwieġ?

________________________________ *(marka)*

4. Meta jiżżewġu, l-għarajjes iwiegħdu lil xulxin:
   (i) Il-fedeltà, u
   (ii) L-indissolubbiltà.
   Xi jkunu qegħdin jgħidu l-għarajjes b'dawn il-wegħdiet?

   (i) ________________________________

   (ii) ________________________________ *(2 marki)*

5. Is-Sagrament taż-Żwieġ huwa mibni fuq l-imħabba Agape, Eros u Filija.
   X'nifhmu meta ngħidu ***'Imħabba Agape'***?

________________________________

________________________________ *(2 marki)*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

6. Liema huma ż-**żewġ** għanijiet prinċipali tal-imħabba fiż-żwieġ Nisrani?

(a) ______________________________

(b) ______________________________ *(2 marki)*

7. Fl-ittra tiegħu lill-Korintin, San Pawl jikteb li "***l-imħabba taf tistabar u tħenn, l-imħabba mhijiex għajjura, ...***" F'madwar 30 kelma, ikteb dwar kif koppja miżżewġa għandha turi l-imħabba lejn xulxin b'dan il-mod.

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________ *(4 marki)*

## Taqsima 4 **(8 marki)**

**Fisser dawn il-kelmiet u l-frażijiet. L-ewwel waħda hija eżempju.**

Katekumenu - **<u>Il-persuna li tkun qed tersaq lejn il-Knisja biex tirċievi l-Magħmudija.</u>**

1. Il-Kuxjenza - ______________________________

______________________________ *(2 marki)*

2. L-Ewtanasja - ______________________________

______________________________ *(2 marki)*

3. Enċiklika - ______________________________

______________________________ *(2 marki)*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

4. L-Unità fiż-żwieġ - ______________________________________________

______________________________________________ (2 ma[...]

## Taqsima 5 (12-il marka)

**Wieġeb fil-qosor.**

1. Liema kmandament jgħidilna biex inħarsu l-ħajja?

______________________________________________ *(marka)*

2. Meta n-Nisrani għandu jitlob biex jirċievi s-Sagrament tal-Morda?

______________________________________________

______________________________________________ *(2 marki)*

3. Għaliex in-Nisrani m'għandux jitlob lil xi ħadd biex itemmlu ħajtu, anke meta dan ikun qed ibati?

______________________________________________

______________________________________________ *(marka)*

4. Għaliex il-Knisja ma tistax taqbel mal-abort anke f'ċirkostanzi meta fil-ġuf tal-omm hemm embriju diżabbli?

______________________________________________

______________________________________________ *(2 marki)*

5. In-Nisrani ma jaħdimx biss biex jaqla' l-flus. Agħti **żewġ** raġunijiet oħra għala l-bniedem jaħdem.

(a ) ______________________________________________

(b) ______________________________________________ *(2 marki)*

6. Semmi **żewġ** dokumenti/enċikliċi li kitbu l-Papiet li fihom huma tkellmu dwar id-drittijiet u d-dmirijiet tal-ħaddiema fid-dinja tax-xogħol.

(a ) ______________________________________________

(b) ______________________________________________ *(2 marki)*

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

7. L-ambjent hu ħolqien t'Alla. Huwa fdah f'idejn il-bniedem biex ikattru, iħarsu u jġibu 'l quddiem. Agħti **żewġ** eżempji kif in-Nisrani jista' jħares u jsebbaħ l-ambjent ta' madwaru.

(a ) ______________________________________________

(b) ______________________________________________ *(2 marki)*

## Taqsima 6 **(12-il marka)**

**Agħżel TNEJN minn dawn il-mistoqsijiet (1, 2, 3, 4) u, fuq karta separata, wieġeb f'forma ta' paragrafu.**

1. Matul ħajtu, Ġesù wriena li għandna napprezzaw ħajjitna. X'għamel Ġesù biex juri kemm tiswa l-ħajja tal-bniedem? Semmi **żewġ** mirakli li wettaq Ġesù li bihom wera l-imħabba tiegħu lejn il-morda. X'tista' tagħmel int mal-morda fil-komunità li tgħix fiha? *(6 marki)*

2. Fit-tagħlim soċjali tagħha, il-Knisja titkellem fuq l-importanza tal-valur tas-solidarjetà. X'tifhem il-Knisja b'**solidarjetà**? Kif il-ħaddiem għandu jqiegħed dan fil-prattika fuq il-post tax-xogħol? Bħala żagħżugħ Nisrani, x'għandek tagħmel minn issa biex titħejja sewwa għad-dinja tax-xogħol? *(6 marki)*

3. Aqra din l-istorja u mbagħad wieġeb il-mistoqsijiet:
**Julia u Franco huma żewġ adulti li kienu qegħdin jiffrekwentaw lil xulxin. L-intimità ta' bejniethom wasslithom biex ikollhom x'jaqsmu sesswalment ma' xulxin. Ma kienu jaraw xejn ħażin billi jagħmlu dan. Għalkemm Franco kien jieħu l-prekawzjonijiet u juża l-kontraċettivi, Julia nqabdet tqila. Din l-aħbar li Julia se jkollha tarbija ħasditħom. Ma ridux iħarbtu l-futur tagħhom. L-ewwel ħsieb li ġie f'moħħhom kien li Julia tagħmel abort**.
X'inhu t-tagħlim tal-Knisja dwar l-użu tas-sess qabel iż-żwieġ? Xi jkun qed isir meta wieħed jagħmel abort? Għaliex il-Knisja hija kontra l-abort? *(6 marki)*

4. Fis-26 t'Awwissu 2012 Madre Tereża ta' Kalkutta se tkun qed tagħlaq mija u sentejn minn mindu twieldet. Is-Superjura Ġenerali tal-missjonijiet tal-Karità, sentejn ilu kitbet hekk: "***Ħajjitha u ħidmitha jkomplu jkunu ta' ispirazzjoni għaż-żgħażagħ u l-adulti, għall-għonja u l-fqar minn kull strata tal-ħajja u għal kull reliġjon u pajjiż.***" X'valur tara fil-ħidma li wettqet Madre Tereża bħala soru fil-ħajja tal-Knisja? X'ħidmiet jitwettqu minn persuni ċelibi biex jgħinu lill-komunità Nisranija? Taf b'xi persuna oħra fi ħdan il-Knisja li ma żżewġitx u tat ħajjitha biex tgħin lill-oħrajn? Min hi? X'għamlet? *(6 marki)*

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## Taqsima 7

**(18-il ma**

**Agħżel MISTOQSIJA minn dawn it-tnejn li ġejjin (1A, B, C jew 2A, B, C).**

1. **"Il-qgħad, jiġifieri n-nuqqas ta' xogħol għal min hu kapaċi għalih,... hu dejjem deni u, meta jilħaq ċertu livell, huwa veru diżastru soċjali. U l-qgħad ikidd ħafna meta jolqot l-aktar iż-żgħażagħ li, wara tħejjija kulturali, teknika u professjonali, ma jsibux xogħol."** *(Lab Ex, par.18)*



***Wieġeb f'madwar 250 kelma dawn il-mistoqsijiet:***

A. Ikteb dwar **tliet** drittijiet li l-ħaddiema għandhom fuq il-post tax-xogħol.

B. Bl-egoiżmu u r-regħba tal-bniedem, għal xi wħud ix-xogħol sar għajn ta' tbatija u inġustizzja. Fisser dan permezz ta' eżempji.

C. Bħala żagħżugħ/a nisrani/nisranija li dalwaqt tibda d-dinja tax-xogħol, x'għandek tagħmel biex tagħżel xogħol adegwat u tajjeb għalik?

2. **"Hemm xi ħadd marid fostkom? Ħalli dan isejjaħ lill-presbiteri tal-Knisja; u ħalli dawn jitolbu għalih u jidilkuh biż-żejt f'isem il-Mulej; it-talba tal-fidi ssalva lill-marid, u l-Mulej iqajmu; u jekk ikun għamel xi dnubiet, jinħafrulu."** *(Ġk 5, 14-15)*



***Wieġeb f'madwar 250 kelma dawn il-mistoqsijiet:***

A. X'effett għandu s-Sagrament tal-Morda fuq min jirċevih?

B. In-Nisrani hu obbligat li jħares saħħtu u saħħet dawk ta' madwaru. Għaliex m'għandux jaċċetta l-ewtanasja?

C. Ikteb dwar tlett sitwazzjonijiet li bihom il-bniedem tal-lum qed ipoġġi ħajtu fil-periklu li jitlifha.

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers